MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 281/2008

**Polidano Brothers Limited**

**vs**

**Circus Flip Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal sabiex jordna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' tmien mija u tmienja u sebghin Euro u sbatax-il centenzmu (€878.17), somma rapprezentanti fornitura ta' materjal mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes u l-imghax mid-data tal-ammont dovut.

Fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2009, Dr. Anna Mallia, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, ikkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut u sa dak iz-zmien kien ghadu ma sar ebda hlas.

Is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata skond il-ligi, anke bir-riappuntament, u dan ghaliex il-kawza kienet thalliet Sine Die, izda baqghet ma pprezentat ebda risposta.

Ghalhekk, peress li ma kienx hemm kontestazzjoni ghat-talbiet tas-socjeta’ attrici, u dan meta s-socjeta’ konvenuta naqset li tipprezenta ruhha ghal din il-kawza, dan it-Tribunal m’ghandux provi kontradditorji ghal dawk tas-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi li jilqa’ t-talbiet attrici u jordna l-hlas tas-somma ta’ tmien mija u tmienja u sebghin Euro u sbatax-il centenzmu (€878.17), bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------